Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,339, 5 ta' November, 2024
Taqsima B

A.L. 291 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmula mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 350 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu mogħti minn din l-Università, jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla oħra rikonoxxuta għal dan il-għan, f'qasam ta' studju meqjus rilevanti mill-Bord u approvat mis-Senat. Il-grad, li għandu jkun fil-Livell 6 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, għandu jkopri mhux anqas minn 180 krettu ECTS u għandu jkun ikklassifikat tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II.

(2) L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors,

diment li l-ewwel jidħlu fi Programm Preparatorju u jistgħu jkunu eliġibbli biex jidħlu fil-kors tal-Master's meta jtemmu l-Programm Preparatorju b'suċċess, jekk jiksbu marka medja b'tal-anqas 55%."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Programm ta' Studju

7. Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom mhux aktar minn 10 kretti ECTS għandhom ikunu assenjati għal taqsimiet-studju mgħallma u mhux anqas minn 80 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima-studju tad-dissertazzjoni."

It-Tħassir tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 10 a 13 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinamenti 10 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 sa 12.